**Qorti tal-Maġistrati (Ghawdex)**
**Gurisdizzjoni Superjuri**
**Sezzjoni Generali**

**Magistrat Dr. Joanne Vella Cuschieri B.A., Mag. Jur. (Eur. Law.) LL.D.**

**Illum it-Tlieta, 23 ta' Frar, 2016**

**Rikors Guramentat Numru:- 6/2014JVC**

**Registratur Tal-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex)**

**Vs**

**John u Helen konjugi Vella**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors tar-Registratur li ppremetta:-

Peress illi fuq talba ta' Wisq Reverendu Monsinjur Dr. Joseph Vella Gauci, il-konvenut John u Helen konjugi Vella gew ordnati permezz ta' digriet tal-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex), Gurisdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Generali tat-tnax (12) ta' Novembru tas-sena elfejn u hdax (2011) sabiex provizorjament jieqfu milli jaghmlu l-hwejjeg indikati fir-rikors ghall-hrug tal-mandat ta' inibizzjoni numru 57/2011 u senjatament milli jidhlu fil-fond numru erbatax (14) gja tmienja (8), Triq Monsinjur Luigi Vella, Victoria peress illi l-konvenuti kienu qed jidhlu fih u jwettqu xi xoghlijiet.

Peress illi permezz ta' rikors intavolat fis-sitta (6) ta' Dicembru tas-sena elfejn u hdax (2011), il-Wisq Reverendu Monsinjur Dr. Joseph Vella Gauci ddikjara illi l-*intimat dahal fil-parti kontestata, imblokka shaft illi kellu l-esponent, kif ukoll bena cint dawra mejt b'mod li eskluda lill-esponent mill-*

*access ghal hwejgu*, u ghalhekk talab li jigi ordnat li jittiehdu proceduri ta' disprezz kontra l-konvenut *de quo*.

Peress illi permezz ta' digriet tal-wiehed u ghoxrin (21) ta' Jannar tas-sena elfejn u erbatax (2014), dina l-Onorabbli Qorti rrizultalha *prima facie* illi l-konvenuti John u Helen konjugi Vella ma ottemperawx ruhhom mad-digriet tat-12 ta' Novembru tas-sena 2011 u ghaldaqstant ordnat illi jittiehdu proceduri ghal disprezz lejn l-awtorita' taghha a kura tar-Registratur taghha.

Peress illi ghalhekk qeghdha ssir dina l-kawza.

Talbu lil din l-Onorabbli Qorti tiddikjara:

1. lill-konvenuti hatja ta' disprezz ghall-Awtorita' tal-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Superjuri, Sezzjoni Generali fit-termini tat-Titolu XVII tat-Tielet Ktieb tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Tikkundanna lill-konvenuti ghall-pieni preskritti mil-ligi ghal tali disprezz.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti li huma minn issa ngunta ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta ġuramentata tal-intimati John u Helen konjugi Vella fejn eccepew:

Preliminarjament in-nullita tal-azzjoni attrici stante illi ma jinsabx indikat taht liema artikolu tal-Kodici tal-Organizazzjoni u Procedura Civili, qed jigu maghmula t-talbet attrici. It-titolu msemmi fit-talba tal-attur jirravviza diversi stanzi ta' disprezz lejn l-Awtorita' tal-Qorti, u konsegwentament meta l-attur naqas li jindika taht liema artikolu tal-ligi qed jagixxi, l-attur pogga lill-esponenti f'ambigwita u anomalija dwar kontra x'hiex ghandhom jiddefendu ruhhom, senjatament ukoll meta wiehed jikkonsidra (1) kif huma ntavolati l-premessi fir-rikors odjern u (2) in-natura tal-kawza odjerna;

Minghajr pregudizzju, u fil-mertu t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante illi l-esponenti ma kkommettew l-ebda disprezz lejn l-Awtorita' ta' din l-Onorabbli Qorti;

Ghaldaqstant ir-rikors odjern ghandu jigi michud bl-ispejjez kontra r-rikorrenti attur.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.

Rat l-atti allegati relattivi ghall-mandat ta' inibizzjoni bin-numru 57/2011 fl-ismijiet 'Monsinjur Dr. Joseph Vella Gauchi vs John Vella et.';

Rat in-nota tal-attur datata 27 ta' Gunju, 2014 a fol. 13 tal-process li permezz taghha ddikjara kif isegwi:

'id-disprezz ravvizat mill-konvenuti jinkwadra fl-artikolu 997 tal-Kap. 12 u gie stitwit mill-attur ai termini tal-artikolu 1003 A tal-Kap. 12.'

Rat ix-xhieda, dokumenti, ritratti u l-atti kollha esebiti u annessi.

Rat l-atti annessi tal-kawza kriminali fl-ismijiet Pulizija (Spettur Frank Anthony Tabone vs. John Vella) ghajr ghad-decizjoni li kienet ghadha ma nghatax meta gew esebiti l-atti;

Rat li fil-verbal tat-13 ta' Novembru, 2015 il-kawza giet differita ghad-decizjoni ghal-lum bil-fakulta' li jipprezentaw noti.

Rat l-atti kollha.

**Ikkunsidrat**

Il-fatti kif esposti mir-rikorrent huma li fit-12 ta' Novembru, 2011 din il-Qorti diversament preseduta kienet laqghet provizorjament mandat ta' inibizzjoni fil-konfront tal-konvenuti konjugi Vella sabiex ma jkomplux

b'xoghlijiet ta' bini li kienu qed isiru skont kif jghid il-mandat fil-fond proprjeta' tal-Monsinjur Joseph Vella Gauci bl-indirizz 14 maghruf ukoll bin-numru 8 fi Triq Monsinjur Luigi Vella, Victoria, Ghawdex 'inkluz fil-parti li tigi fuq in-naha ta' wara ta' l-istess fond u fit-tieni sular, fejn dan l-ahhar qed jippretendu li hi taghhom u fil-mandat ta' inibizzjoni numru 56/2011 fl-ismijiet inversi huma qed jitolbu illi l-esponenti ma jidholx. Ghandhom jigu nibiti millli jaghmlu xi xoghol hu x'inhu.' (atti mandat annessi fol. 1)

Irrizulta li l-mandat ta' inibizzjoni 57/2011 gie notifikat lil John Vella dak in-nhar stess tat-12 ta' Novembru, 2011 wara li hu flimkien ma' ibnu kienu ghamlu xi xoghlijiet fil-fond li jigi proprjeta' tieghu fuq dak tal-Monsinjur Joseph Vella Gauci nkluz dik il-parti li tigi fuq in-naha ta' wara kif deskritta fil-mandat. Kwalunkwe xoghol li lahaq sar qabel ma gie notifikat il-mandat lill-konvenuti certament ma jistax jikkwalifika bhala xoghol li sar b'disprezz tal-ordni tal-Qorti ghaliex dan sar qabel in-notifika u ghalhekk qabel il-konoxxenza tal-konvenuti.

Ghandu izda jinghad li fl-atti ta' dan ir-rikors il-partijiet xejn ma jaqblu liema xoghlijiet setghu saru wara li gie notifikat il-mandat lill-konvenut. Il-Monsinjur Joseph Vella Gauci jsostni li wara l-gurnata tat-12 ta' Novembru, 2011 il-konvenut John Vella rega' ghamel xoghlijiet fuq il-bitha in kwistjoni billi rega' bena l-opramorta li skont il-Monsinjur kien waqqa' l-istess konvenut qabel u filwaqt li rega' bena l-opramorta ghalaq il-passagg li l-Monsinjur kien halla ghalih fl-istess opramorta meta kien bniha hu qabel u minflok il-konvenut halla passagg min-naha tal-proprjeta' tieghu. Il-konvenut John Vella jaghti diversi verzjonijiet ta' x'gara fil-fond tieghu u l-bitha in kwistjoni kemm qabel in-notifika tal-mandat ta' inibizzjoni 57/2011 kif ukoll wara, liema verzjonijiet huma tant diversi minn xulxin li l-Qorti ssibha difficli hafna biex temmen li l-verzjoni t-tajba f'dawn il-proceduri hija dik tal-konvenut u mhux dik tal-Monsinjur. F'parti mix-xhieda tieghu jichad li kien hu li waqqa' l-opramorta qabel il-mandat izda jghid li dan seta' waqa' bir-rih, f'parti ohra jghid li hu u ibnu nehhew biss zewg filati ghaliex kienu perikoluzi, f'parti ohra jghid li huwa ma waqqa' l-ebda opramorta izda li

ghamel kien li ghalaq il-fetha li halla l-Monsinjur sabiex ikollu access fuq il-bejt in kontestazzjoni bejn il-partijiet filwaqt li halla access ghall-proprjeta′ tieghu. Imkien izda mal-konvenut jammetti li dawn ix-xoghlijiet huwa ghamilhom wara n-notifika tal-mandat anzi jinsisti li wara l-mandat huwa qatt ma ghamel xejn aktar. Il-Qorti izda tinnota li x-xhieda tal-konvenut u d-diverzi verzjonijijet moghtija minnu gew sahansitra kontradetti minn xhieda li ressaq hu stess fosthom minn dik ta′ Dun Manwel Cordina li jikkonferma li huwa sema′ twaqqiegh ta′ gebel isir mill-konvenut u ibnu filwaqt li hu kien gol-proprjeta li dak iz-zmien kien jikri minghand il-konvenuti (fol. 48 et seq) u dan b′referenza ghall-okkazzjoni fejn l-opramorta twaqqghet ghall-ewwel darba granet jew gimghat qabel it-12 ta′ Novembru.

Izda l-aktar xhieda ndipendenti u veritiera li l-Qorti tqis li ma tezisti l-ebda raguni ghalfejn ma tistriehx fuqha hija dik tas-Surgent Frank Portelli li mar fil-post nhar it-12 ta′ Novembru, 2011 wara li l-konvenut kien lesta x-xoghol li ghamel dak in-nhar u telaq minn fuq il-fond fejn x′hin kien barra konsegwentement gie notifikat bil-mandat 57/2011.

Is-Surgent Frank Portelli a fol. 64 tal-atti kriminali annessi jiddeskrivi dak li ra fuq il-post dak in-nhar kif isegwi:

′Jiena mort hemmhekk fuq il-post ghax Mons Vella Gauci talab li mmorru fuq il-post fejn qalli, kif dhalna gewwa fil-bitha, Mons Vella Gauci kien urieni illi kienu bnew l-opramorta u xi hadd nehhihielu filghodu. U qalli ukoll li l-gurnata ta′ qabel kienet saret inkjesta fuq l-istess opramorta u kien hemm PIRS, kien hemm rapport bin-numru 10Z3134/2011.

Mons Vella Gauci qalli wkoll li l-opramorta li kien bniha l-bennej tieghu u tnehhiet filghodu minn Giovann u t-tifel. Jiena l-gebel tal-opramorta ma rajtux ghax ma kienx jidher minn isfel u access ghall-bejt ma kienx hemm. Kulma rajt kien frame ta′ crane li jarmaw il-bennejja, aw, ipogguh fuq il-bejt, u kien bla mutur.

Iktar tard meta jien kellimt lil Giovann Vella kien qalli li hu u t-tifel dalghodu marru fil-post proprjeta' tieghu fi Triq Mons Luigi Vella u minn hemm tnehhew zewg filati tal-kantun mill-post tieghu stess, jigifieri minn fuq il-bejt li huwa proprjeta' tieghu – dan li qalli Giovann Vella – u thallew ukoll fuq l-istess proprjeta'. 'Jiena ma ghamilt hsara lil hadd ghax li kont qed naghmel huwa fuq il-proprjeta' tieghi. Jiena l-gebel li nehhejt minn fuq il-bejt poggejtu fuq il-bejt tieghi stess. Jiena ghandi l-kuntratt fejn jghid ta' min hu l-bejt u jien ghalhekk mort dalghodu u nehhejthom u poggejthom fuq il-bejt tieghi.'

Aktar 'il isfel fl-istess xhieda s-Surgent Portelli jghid:

'Kien hemm gebel poggut li kien tal-opramorta fejn qal li l-Monsinjur qal li qalghu Giovann u Giovann ammetta mieghi li qalghu hu.'

Illi mix-xhieda suesposta jirrizulta lil din il-Qorti l-istat tal-fond koncernat fil-mandat fil-mument li dan gie notifikat lill-konvenut John Vella u cioe' li l-opramorta mibnija mill-bennej tal-Monsinjur kienet tnehhiet mill-istess Giovann sive John Vella u l-gebel taghha mpoggi fuq il-bejt tal-istess konvenut.

Illi r-rikorrent odjern isostni fir-rikors tieghu li wara li l-konvenut gie notifikat bil-mandat ta' inibizzjoni 57/2011 huwa ghamel xoghlijiet ohra nonostante l-ordni tal-Qorti li kienu jikkonsistu f'li rega' bena l-opramorta u ghalaq l-access tal-Monsinjur ghall-bejt in kwistjoni bejn il-partijiet. Illi li dan ix-xoghol sar huwa ammess mill-istess John Vella fejn a fol. 69 tal-process izda huwa jinsisti li dawn ix-xoghlijiet kienu saru qabel it-12 ta' Novembru, 2011. A fol. 72 jerga' jixhed kif isegwi:

'Il-Qorti:
Waqqajt xi cint illi kien lest, wara l-mandat?

Ix-xhud:

Mhux waqqajtu, jien li gara hu, dana ghamluh b'tali mod illi lili, mhux wara l-mandat, qabel il-mandat sar dan ix-xoghol, li lili ghalquli bicca u ghamlu access ghaliha biex johduli din il-bicca.

L-Avukat Dottor Joseph Ellis:?
Min ghalaqlek dan, min ghalaq

Ix-xhud:
Il-Mons, certu wiehed Chalie Attard kien il-dak tieghu, il-bennej tieghu, Jiena qlajt dik il-bicca u ghalaqt il-bieb biha, biex niftehmu.

Il-Qorti:
Qlajt naha u poggejt l-ohra?

Ix-xhud:
Ehe.

Il-Qorti:
Imma dan qed tghid li qabel il-mandat kien?

Ix-xhud:
Qabel mela.

Il-Qorti:
Ghax huma qed jghidu li inti ghamiltu wara dan ix-xoghol?

Ix-xhud:
U x'wara ghamiltu dan ix-xoghol, gie l-Pulizija u rani, u rah dan ix-xoghol, imbaghad il-Pulizija sa dakinhar ma kellix, huma nfatti ma gewx iwaqqfuni bil-mandat, gew iwaqqfuni ghax ghamlu rapport li sraqtilhom mutur, u gew u waqqafni . .'

Illi skont il-verzjoni moghtija mill-konvenut, dak in-nhar tat-12 ta' Novembru, 2011 meta s-Surgent Frank Portelli mar fil-fond tal-Monsinjur huwa kellu jara opramorta mibnija u mhux ebda opramorta

kif ikkonferma fix-xhieda tieghu l-istess Surgent. Dan igiddeb ghal kollox il-verzjoni tal-konvenut li x-xoghol fuq l-opramorta ammess minnu sar qabel in-notifika tal-mandat lilu u mhux wara.

Illi mill-atti kollha u in vista tas-suespost, din il-Qorti tqis li r-Registratur rikorrent irnexxielu jipprova sal-grad rikjest mil-ligi l-pretensjoni tieghu li l-konvenut John Vella agixxa b'disprezz tal-ordni tal-Qorti stante li wara li huwa gie notifikat bil-mandat ta' inibizzjoni 57/2011 sabiex jieqaf mix-xoghlijiet (ordni li konsegwentement anki giet konfermata b'mod permanenti) huwa xorta wahda ghamel xoghlijiet fil-fond u cioe' bini tal-opramorta jew partijiet minnha. Mhux biss izda fl-atti ta' dawn il-proceduri gideb b'mod sfaccat dwar dak kollu li sehh wara li huwa gie notifikat bil-mandat ta' inibizzjoni 57/2011. Il-konvenut ghandu ghalhekk jehel piena ai temini tal-artikolu 997 li tirrifletti l-gravita' tal-att tieghu li njora ghal kollox l-ordni tal-Qorti.

Illi mill-atti minn imkien izda ma jirrizulta li l-konvenuta Helen Vella b'xi mod kienet involuta max-xoghol li sar wara n-notifika tal-mandat ta' inibizzjoni 57/2011;

**<u>Decizjoni</u>**

Ghar-ragunijiet suesposti l-Qorti taqta' u tiddeciedi din il-kawza kif isegwi:

1. Tillibera mill-osservanza tal-gudizzju lill-konvenuta Helen Vella;

2. Tichad l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti in vista tal-kjarifika mir-rikorrent kontenuta fin-nota a fol. 13 tal-process;

3. Tilqa' l-ewwel talba tar-rikorrent limitatament fil-konfront tal-konvenut John Vella u ssibu hati ta' disprezz ghall-Awtorita' tal-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Superjuri, Sezzjoni Generali kif preseduta mill-Magistrat Dr. Paul Coppini;

4. Ai termini tal-artikolu 997 sub-artikolu (1) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta tikkundanna lill-konvenut John Vella ghall-massimu tal-multa applikabbli u cioe' multa' ta' elfejn, tliet mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37);

5. Ai termini tal-artikolu (2) tal-istess artikolu 997 filwaqt li tiddikjara li ma tara l-ebda raguni valida ghalfejn ghandha terga' tinhatt l-opramorta kollha mibnija mill-konvenut, tordna lill-konvenut sabiex fi zmien massimu ta' tliet xhur mid-data ta' din id-decizjoni jerga' jiftah fl-opramorta l-fetha li kien halla l-Monsinjur Joseph Vella Gauci sabiex ikollu access ghal fuq il-bejt in kwisjtoni mill-proprjeta' tal-istess Monsinjur filwaqt li jaghlaq l-access li l-konvenut halla mill-proprjeta' tieghu f'din l-istess opramorta u f'kaz li dan ma jsirx fit-terminu mpost mill-gurnata ta' wara tat-trapass tat-tliet xhur imposti l-konvenut jehel penali ta' ammenda ta' hamsin Euro (€50) kuljum, ghal kull gurnata li matulha jkompli n-nuqqas wara z-zmien mpost.

Bl-ispejjez kollha kontra l-konvenut John Vella.

(ft.) Dr. Joanne Vella Cuschieri
Magistrat

(ft.) Maureen Xuereb
D/Registratur

Vera kopja

D/Registratur